

Brussell, 15 ta' Lulju 2024
(OR. en, sk, it)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0049(COD)

12018/24
ADD 1

CODEC 1648
MI 678
ENT 129
COMPET 769
CHIMIE 54
AGRILEG 341
IND 354
ENV 768

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1009 fir-rigward tat-tikkettar diġitali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Taljana

Il-Proposta għal Regolament fir-rigward tat-tikkettar diġitali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE hija għodda li tippromwovi d-diġitalizzazzjoni tas-settur agrikolu kollu u biha l-operaturi kollha fis-settur ser ikunu jistgħu jibagħtu u jorganizzaw informazzjoni malajr u b'mod effiċjenti. Kif qegħdin l-affarijiet, jidher li l-proposta tappoġġa biss parzjalment l-iżvilupp tal-proċess teknoloġiku - promoss b'mod mifrux mis-settur agrikolu kollu - billi tippermetti li biss ċerta informazzjoni tintbagħat fit-taqsimi diġitali. L-użu ta' dan l-istrument bħalissa qed jiġi diskuss ukoll fir-rigward ta' mezzi tekniċi oħrajn għall-agrikoltura bħall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, li huma essenzjali wkoll biex jiżguraw produzzjoni agrikola adegwata.

Għalhekk, peress li l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tat-tikkettar diġitali għall-informazzjoni kollha minbarra r-rekwiżiti tas-sikurezza għas-saħħa tal-bnedmin, l-annimali u ambjentali tippermetti ġestjoni aħjar tat-tikketti u l-imballaġġ biex ikunu iktar sostenibbli, nittamaw li l-proposta tkun soġġetta għal aġġornamenti malajr sabiex tappoġġa t-tranżazzjoni diġitali u tagħti lill-bdiewa l-informazzjoni teknika sħiħa u komprensiva li qegħdin dejjem aktar jitolbu.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Slovakkja

Is-Slovakkja hija tal-fehma li t-tikkettar diġitali possibbli tal-fertilizzanti jagħti opportunità li tittejjeb il-komunikazzjoni tal-informazzjoni tat-tikkettar. Dan il-pass jikkostitwixxi progress teknoloġiku kif ukoll jgħin biex inaqqas l-ispejjeż għall-produtturi tal-fertilizzanti u l-katina sħiħa tal-provvista. B'hekk jiddispjaċina għall-fatt li l-ftehim finali li laħqu l-koleġiżlaturi ma rriżultax fi proposta aktar ambizzjuża li kienet twassal għal tnaqqis ikbar fl-ispejjeż għall-operaturi ekonomiċi, ir-razzjonalizzazzjoni tat-tikkettar u inqas skart tal-imballaġġ, u fl-aħħar mill-aħħar użu aħjar tat-tikkettar diġitali mill-operaturi. Dan kien jirriżulta f'impatt akbar kemm għall-ekonomija kif ukoll għall-ambjent.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni tesprimi tħassib dwar il-formulazzjoni tal-aħħar sentenza tal-premessa 12 ("*Huwa mfakkar li huwa essenzjali wkoll li l-utent finali jkollu l-informazzjoni meħtieġa msemmija fir-Regolament 2023/988 biex ikun jista' jidentifika u jikkuntattja lill-persuna responsabbli għall-prodotti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni.*").

Il-Kummissjoni tqis li l-Artikolu 16 tar-Regolament 2023/988 [dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti], li jistabbilixxi l-obbligu tal-istabbiliment ta' "persuna responsabbli" għall-prodotti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni, ma japplikax għall-prodotti soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/1009.